MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 39/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Francis Piscopo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-
ghan-nom u in rapprezentanza ta' Overseas Trading u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-6 t'Ottubru 2007, bhala "popcorn hawker", waqt in-Notte Bianca gewwa l-Belt Valletta, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta "cash register" fiskali li jikkonforma mal-htigiet specifikati fil-

partita 13(2) tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;
fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82(2) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lil-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w taghha kkundannatu multa ta’ tmien mitt Euro (€800) u peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Frar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar it-tieni akkuza, w tirrevokaha dwar l-ewwel akuza li taghha nstab hati, w hekk jigi liberat minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li ma giex indikat lill-appellant lil min ma harigx ricevuta fiskali. Fl-X reading kienu qeghdin johorgu l-istess ricevuti w dan kien qed jaghmlu f' post pubbliku fejn seta' jigi osservat il-hin kollu minn nies u hu dawn l-ricevuti kien qed johroghom regolarmant. Jibqa' jinsisti li meta gie ordnat johrog rivceuta, huwa rrifjuta

ghaliex baqa' jsostni li kull min hallsu hu kien hariglu ricevuta skond il-ligi. Il-fatt li l-ispettur kellu ricevuta ohra f' idejh, jispjegah billi n-nies jitilqu l-ircevuti warajhom wara li jehduhom u kien hemm ghadd ta' ricevuti madwar. Meta l-Ispettur staqsieh kemm kien qed ibiegh il-*popcorn,* huwa qallu b' zewg prezzijiet li kien hemm. F' dan il-kaz l-ispettur qara minn *statement* ittajpjat u lanqas ma kien qed jixhed minn fuq noti mehudin *a tempo vergine*. Lanqas zamm u wera liema persuna kienet hallset u ma haditx ricevuta. Id-Dipartiment tal-VAT ma jistax igib bhala argument li jkun inkonvenjenti ghalih illi jindika n-nies li ma jkunux hadu ricevuta w baqghu sejrin, ghaliex fil-fatt dawn ikunu suppost qed jaghmlu reat huma wkoll ghaliex l-obbligu tar-ricevuta huwa kemm fuq min johrogha w anki fuq l-iehor li jesegiha. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex provi sufficjenti f' dan il-kaz biex setghat issib htija, anzi l-verita' kienet dik li xehed l-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi irrizulta mix-xhieda ta’ Warren Scicluna, VAT Inspector, li fis-6 t’Ottubru, 2007, gol-Belt, waqt in-Notte Bianca kien osserva lill-appellant, li gharfu fl-Awla, li kien qed ibiegh il-*“popcorn”* minghajr ma jaghti ricevuti fiskali.

B’mod partikolari nnota persuna illi ma nghatatx ricevuta w hu kien pront mar fuq l-appellant u qallu li ma kienx ta ricevuta lil din il-persuna.  L-appellant ammetta w fuq rikjesta tax-xhud, hareg ir-ricevuta fiskali mill-*“cash register”* li tinsab esebita fl-involukru a fol. 10 tal-process. Din kienet iggib in-numru progressiv ta’ 0123 u kienet ricevuta ghall hamsin centezmu (LM0.50c).

Ix-xhud kien talab ukoll lill-appellant dak il-hin li johrog *“X-reading”* mill-*“cash register”* u l-appellant harigha din u tinsab ukoll esebita fl-istess involukru.  Din l-*X-reading* iggib is-serial number 0124 u jidher li harget biss zewg

minuti wara li kienet inharget ir-ricevuta fuq imsemmija w cioe' fil-hin tal-23:22 p.m.

Meta rega' xehed l-istess xhud fuq rikjesta tal-Qorti rega' assigura lill-Qorti li din ir-ricevuta kien tahilu l-appellant stess wara li harigha mill-*"cash register"* kif fuq inghid u mhux li hu sabha fost ricevuti ohra li seta' kien hemm fuq il-bank tal-istall tal-*"popcorn".*

In kontro ezami, dan ix-xhud cahad dak li ssugerielu d-difensur u cioe' li l-appellant kien ipprotesta mieghu meta qallu biex johrog ricevuta w fil-fatt ma harighiex. Xehed ukoll li ma kienitx procedura tad-dipartiment li jiehu l-particulars tax-xerrej f'kazijiet bhal dawn meta l-ispetturi ikunu raw dak li gara b'ghajnejhom.

Fix-xhieda tieghu l-appellant qal li meta mar fuqu l-inspector Warren Scicluna w qallu biex jerga' johrog ricevuta ta' dak il-klijent li kien ghadu kif hallsu, hu kien irrifjuta li jaghmel dan u fil-fatt baqa' ma harigx ir-ricevuta. Minn fejn giet ir-ricevuta esebita fil-process pero' ma jafx ghalkemm zgur harget mill-cash register tieghu w iggib il-hin 23:20 p.m. Kien minnu wkoll li l-*"X reading printout"* tindika l-hin ta' 23:22 u li din issegwi s-serial number tar-ricevuta. Hu ma kienx inaddaf il-*"counter"* tieghu minn ricevuti li jithallew hemm mill-klijenti.

Ikkonsidrat

Illi ghalkemm f'din il-kawza l-appellant qed jixhed f'konflitt ma dak li xehed il-VAT Inspector Warren Scicluna, kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament, mhux kull konflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni tal-akkuzat. Izda l-Qorti trid tezamina l-provi biex tara lil min ghandha temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux b'mod li tqis il-kriterji enuncjati fil-Kodici Kriminali fl-artikolu 637.

F'dan il-kaz il-konflitt apparenti jevapora meta wiehed iqis li wara li nharget ir-ricevuta esebita bis-serial number 0123 u li l-VAT Inspector talab lill-appellant biex johroglu *X reading*, dan inhareg bin-numru mmedjatament

successiv u f'temp ta' zewg minuti mill-hin li harget ir-ricevuta originali. Dan isahhah il-verzjoni tal-VAT Inspector li dawn iz-zewg *"printouts"* saru wahda wara l-ohra fuq rikjesta tieghu w fl-ordni li jidhru minn numru progressiv li jidher fuqhom.

It-tezi tal-appellant li l-VAT Inspector qabad ricevuta minn fuq il-bank tal-istall, apparti li michuda kategorikament mill-istess VAT Inspector, hija inverosimili w inattendibbli ghax anki, jekk ghall-grazzja tal-argument, wiehed jaccetta li l-VAT Inspector qabad ricevuta "at random" minn fuq il-bank, riedet tkun kumbinazzjoni kbira ferm li din tkun proprju r-ricevuta tal-ahhar klijent li kien ghadu kif inqeda.

Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha ebda ezitazzjoni li taccetta bhala vertiera l-verzjoni tal-VAT Inspector Scicluna w tiskarta dik tal-appellant.

Fil-kors tat-trattazzjoni gie ventolat il-fatt li f'kazijiet bhal dawn il-VAT Inspectors ghandhom jiehdu l-"*particulars"* mhux biss tal-bejjiegh izda wkoll tax-xerrej li fil-konfront tieghu jkun sar il-ksur tal-Ligi.

Din il-Qorti taqbel li dana huwa ferm rakkomandabbli ghall-futur jekk xejn biex id-difiza tkun tista' tikkontrolla ahjar il-provi jekk thoss il-htiega li taghmel dan u d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jaghmel tajjeb jekk ivarja l-prassi prezenti w jibdew jittiehdu dawn il-generalitajiet ukoll.

In-nuqqas ta' dan pero' ma jannjentax il-prova diretta attendibbli li saret f'dan il-kaz bix-xhieda tal-VAT Inspector li minnha tirrizulta sal-grad tac-certezza morali l-htija tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant. Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------